**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**Kawża Numru 3546/2024**

**IL-PULIZIJA**
**Vs**
**Antoine Degiorgio**
(detentur tal-karta tal-identità bin-numru 349173M)

Illum, 9 ta' Lulju 2024

**Il-Qorti,**

Rat li Antoine Degiorgio ta' 51 sena', bin Anthony u Antoinette nee' Schembri, imwieled Attard nhar it-30 ta' Mejju 1973, u residenti ġewwa l-fond Falcom House, Blk. B Flt. 5, Triq il-Kbira Sliema u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 349173M ġie akkużat:

"…

1. *Talli nhar 1-15 ta' Marzu 2024 u fil-ġranet u xhur ta' qabel, ġewwa r-residenza Falcom Hse, Blk B, Flat 5, Triq il-Kbira, Sliema żamm f'xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjoni elenkati fl-Iskeda II mingħajr ma kellu liċenzja taħt Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2. *Talli nhar 1-15 ta' Marzu 2024 għal ħabta ta' bejn is-00:00 hrs u 1-03:00 hrs ta' filgħodu fi Triq Amery, Sliema u fl-inħawi tal-madwar, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, involontarjament ikkaġunajt ħsara fuq*

*il-propjetà Giorgio's Boutique Hotel, għad-dannu ta' Marco Mele u/ jew persuni u/jew entitajiet oħra."*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tordna sospensjoni ta' kull liċenzija taħt il-Kapitolu 480 tal-Att dwar 1-Armi tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li l-Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom tħaddem kontra l-ħati kull artikolu li jiżgura kumpens jew restituzzjoni lill-vittma tar-reati relattivi.

Rat li waqt is-seduta tal-24 ta' Ġunju 2024 l-akkużat ammetta l-imputazzjonijiet, kif ukoll li wara li l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lill-akkużat stess u l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u wara li tat żmien lill-akkużat biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu u tat ukoll iż-żmien biex jikkunsidra l-ammissjoni mill-ġdid, u għal dan il-għan issospendiet il-kawża, meta reġgħet issejħet il-kawża l-akkużat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat l-atti proċesswali fosthom in-nota li biha l-prosekuzzjoni eżebiet irċevuta dwar l-ispejjeż inkorsi mill-parti leża dwar it-tieni imputazzjoni.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Semgħet lill-parti leża li bil-ġurament ikkonfermal l-ammont ta' danni attwali inkorsi kawża tal-aġir tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati ta' l-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu.

**Il-Piena**

Il-Qorti ikkunsidrat li l-artikolu tal-Liġi li jistabbilixxi l-pieni dwar reat taħt l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 480 li biħ jinsab akkużat il-ħati, huwa l-artikoli 51(2) li jaqra hekk:

> *"51. ... (2) Kull min jikser l-artikolu 5(1) ikun ħati ta' reat u jista',meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux inqas minn tliet xhur u mhux iżjed minn ħames snin:*
>
> *Iżda meta l-kundanna jkollha x'taqsam ma' pussess ta' armi regolari jew munizzjon ġewwa xi fond jew il-ksur jitqies bħala wieħed żgħir ħafna mill-Qorti, u wara li titqies xi tkun il-kwantità jew il-kwalità tal-armi tan-nar jew tal-munizzjon il-Qorti tkun sodisfatta li dawn ma kienux qeghdin hekk jinżammu għall-bejgħ jew għal xi xorta ta' negozju ieħor jew inkella biex isir użu minnhom kontra l-liġi, il-ħati jista' jeħel multa ta' mhux anqas minn sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien:*
>
> *Iżda wkoll meta l-kundanna taħt l-artikolu 5(1) tkun tirrigwarda l-pussess ta' arma tan-nar barra minn xi fond u r-reat ikun sar minħabba fil-bżonn attwali tad-difiża leġittima tiegħu nnifsu jew tad-difiża leġittima ta' ħaddieħor, il-ħati ma jeħel ebda piena."*

Il-Qorti hija tal-fehma, tenut kont tal-ammissjoni bikrija tal-akkużat, tal-fatt li huwa kkopera bis-sħiħ mal-prosekuzzjoni, tal-fedina penali tal-akkużat li għalkemm mhix netta mhijiex waħda allarmanti, li huwa għandu impjieg fiss u li dan kien inċident sfortunat li pero seta' kellu konsegwenzi gravi, u li l-akkużat lest li jħallas l-ispejjeż dwar il-ħsara ikkaġunata lill-parti leża, sentenza ta' priġunerija effettiva ma tilħaqx l-effett mixtieq anzi x'aktarx li jkollha effetti negattivi biss kemm fuq l-akkużat kif ukoll fuq is-soċjetà.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 5(1), 51(2) u t-Tieni Skeda (II) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti fuq ammissjoni tal-akkużat stess, ossia Antoine Degiorgio detentur tal-karta tal-identità bin-numru 349173M, issibu ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal-piena ta' ħames xhur (5) priġunerija, u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-imputat jiġi ttrattat permezz ta' sentenza sospiża, b' dan illi s-sentenza inflitta ma għandiex tibda sseħħ ħlief jekk, waqt il-perjodu ta' sentejn (2) li jibda jgħodd mid-data ta' din l-ordni, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, il-portata tas-sentenza.

Il-Qorti addizzjonalment wara li rat l-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-ħati għandu jħallas is-somma ta' elf sitt mija u tmienja u tlieta Ewro u erbgħin ċenteżmu (€1,638.40) bħala danni lill-parti leża, liema danni ma jinkludux dawk id-danni kawżati minħabba telfien ta' negozju..

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ikkontemplata abbażi tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi esperti jew periti.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------